QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 18 TA' MEJJU 2001

Avviz Nru 1034/97DM

Marica Muscat

vs

Kurt Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas dik is-somma li tigi likwidata bhala danni li l-istess attrici sofriet bhala rizultat tal-kollizjoni li grat iz-Zurrieq fit-8 ta' Novembru, 1996 bejn Skoda numru F-4448 misjuqa mill-konvenut u Mazda numru HIT 001 misjuqa mill-attrici, u dan prevja dikjarazzjoni li l-istess kollizjoni grat imhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-15 ta' Jannar, 1997, dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 1997, u dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut presentata kontestwalment mal presentata tal-avviz u kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni

Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont ta' danni mitlub ma jaqbizx l-elf lira.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenut fejn eccepixxa li:

1 Id-domandi tal-attrici ghandhom jigu michuda ghaliex il-kollizjoni ma gratx tort tal-eccipjent izda unikament bi htija tal-attrici; salvi eccezzjonijiet ohra.
2 Peress li l-eccipjent sofra danni b'konsegwenza tal-istess incident tort tal-attrici, qieghed hawn hekk jipprezenta kontro talba.

Rat il- kontro talba tal- konvenut fejn talab :

Li l-attrici tkun ikundannata thallas lill Kurt Camilleri is-somma li tigi minn din il-Qorti likwidata bhala danni minnu sofferti b'konsegwenza tal-kollizjoni li grat iz-Zurrieq fit-8 ta' Novembru, 1996 meta waqt li hija kienet issuq il-vettura Mazda numru HIT 001 habtet mal-vettura tal-konvenut Skoda numru F-4448, u dan prevja dikjarazzjoni li l-istess kollizjoni grat imhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attrici; bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-3 ta' Frar, 1997, tal-ittra ufficjali tal-10 ta' April, 1997, u tal-ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni taghha presentata kontestwalment ma dan l-avviz u kontra taghha; bl-attrici ngunta ghas-subizzjoni

Ghall-fini ta' kompetenza gie ddikjarat li l-ammont ta' danni mitlub ma jeccedix l-elf lira (Lm1000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Marica Muscat ghall- kontro talba tal- konvenut fejn eccepiet:

1 Illi din il- kontro-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-imsemmi Kurt Camilleri kien il-kawza tal-kollizjoni tat- 8 ta' Novembru, 1996 meta hu naqas li jaghti d-dritta lill-eccipjenti kif titlob il-ligi;

3 Salv eccezzjonijiet ohra

Rat in-noti tal-kontendenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemmx dubbju illi Vjal Indipendenza hija sekondarja in relazzjoni mat-'through-road' Triq Sant'Andru u ghalhekk kien jinkombi fuq il-konvenut li, qabel ma jidhol fit-triq principali, jesplora sew l-istess triq principali biex jassigura sew li ma jfixkel b'ebda mod lit-traffiku li seta kien qed juza it-triq principali. Dan l-obbligu kien iktar gravi minhabba l-ostakolu ghall-vizwali dovut ghall-konfigurazzjoni tal-bini fil-'junction' u minhabba d-djuq tat-triq principali li tillimita l-azzjoni evasiva tal-'main-road user'.

Minn-naha l-ohra, l-attrici, bhala 'main-road user' kellha tuza iktar prudenza fis-sewqan meta tavvicina l-junction minhabba l-istess konfigurazzjoni u djuq.

Mill-provi prodotti, senjatament il-fatt li l-konvenut kien effettivament hareg fit-triq principali meta kienet qed tavvicina l-attrici u stante il-vizwali fit-tul li toffri Triq Sant'Andru, jirrizulta li l-konvenut ma zammx ' a proper look out' u ma hax il-prekawzjonijiet minnhu rikjesti qabel ma hareg mit-triq sekondarja.

Infatti lill-ufficjal li nvestiga l-kollizzjoni kien qallu li ma kien ra lill-hadd meta kellhu jinduna bl-attrici li kienet qedgha hemm.

Oltre kollox, dan l-obbligu ta prekawzjoni debita u serja kien enfasizzat bl-Istop Sign mizbugh fl-art li kien jindika li l-konvenut kellhu jieqaf ghal kollox, jesplora it-triq principali u jipprocedi biss hekk meta **jkun cert li ma kienx gej traffiku li huwa setgha jfixkel.** Dan is-sinjal huwa ppruvat kemm mid-deposizzjoni tal-ufficjal li nvestiga l-kaz, kif ukoll mir-ritratti u l-konferma tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq (DOK KL1). Id-Dok WO4 ma jghamilx riferenza ghaz-zebgha ta xi sinjal imma ghat-twahhil ta sinjal ma xi hajt bil-'brackets'.

Ghalhekk jirrizulta definitivament li l-konvenut ghandhu jkun tenut risponsabbli tal-kollizzjoni 'de quo', izda ghandhu jigi kkunsidrat ukoll jekk l-attrici kienetx ikkontribwit f'din ir-responsabilita' b'xi nuqqas da parti taghha.

Stante l-konfigurazzjoni tat-toroq, il-wisgha ta' Vjal Indipendenza, id-djuq ta Triq Sant' Andru u l-ostakolu ghall-vizwali tal-konvenut, l-attrici kellha l-obbligu li tavvicina l-'junction' bi prudenza u zzomm max-xellug kemm setghet. Dan l-obbligu huwa iktar enfasizzat mill-fatt li l-attrici kienet midhla tal-inhawi u kienet tghaddi ta spiss mill-lokalita'.

Jidher li l-vettura tal-attrici halliet 'brake marks' cari ta mhux izjed minn hames metri indikativi ta velocita' ta mhux iktar minn 20 k.f.s li ghandha titqies bhala prudenti ghal 'main road user' bhala ma kienet l-attrici, izda ma jirrizultax li kienet qed izomm max-xellug estrem tal-istess triq.

Ghalkemm it-traettorja ezatta tal-vettura tal-attrici ma setghetx tigi stabbilita mill-ufficjal li nvestiga l-kaz billi kienet mexxiet il-vettura biex tippermetti traffiku iehor biex jistgha jghaddi, mill-provi prodotti u c-cirkostanzi tal-kaz jirrizulta li kellha opportunita' li zzomm iktar lejn ix-xellug tat-triq meta avvicinat il-'junction' u konsegwentement issib li ikkontribwiet ghall-kollizzjoni fi grad ta hmistax fil-mija (15%); il-konvenut ghalhekk ghandhu 85% mir-responsabilita' u l-kontendenti iridu jghamlu tajjeb ghad-danni kollha skond il-grad taghhom ta responsabilita'.

Dwar id-danni l-attrici ippruvat ampjament li sofriet somma ta LM965 waqt li l-konvenut, ghalkemm stqarr li nefaq madwar LM450 ipproduca ricevuti, in sostenn tat-talba tieghu ghad-danni, li jammontaw ghas-somma sitta mija u ghoxrin lira (LM620) li qed jigu accettati bhala d-danni minnhu imhallsa.

Ghalhekk minn dawn id-danni kollha fis-somma komplessiva ta LM1585, l-attrici trid tgamel tajjeb ghal 15%, ghalhekk trid tbghati somma ta LM237.75 u ghalhekk tiddeciedi t-talba tal-attrici u l-kontrotalba tal-konvenut billi tiddikjara il-kontendenti risponsabbli t-tnejn ghall-kollizzjoni 'de quo' fi grad ta 15% ghall-attrici u 85 % ghall-konvenut, tillikwida d-danni rispettivi fis-sommom ta LM965 ghall-attrici u LM620 ghall-konvenut u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta seba mija seba u ghoxrin lira u hamsa u ghoxrin centezmi (LM727.25) ghas-saldu tat-talbiet reciproci tal-kontendenti dwar id-danni.

Bl-ispejjes jithallsu in kwantu ghall 15% mill-attrici u 85% mill-konvenut.

…………………………….
Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ24